

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1251****tad-29 ta' Lulju 2021****li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2015 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 <sup>(1)</sup>.
- (2) Skont l-Artikolu 17(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, il-Kunsill irrieżamina l-listi ta' persuni u entitajiet iddeżinjati li jinsabu fl-Annessi II u IV għal dik id-Deċiżjoni.
- (3) Il-Kunsill ikkonkluda li jenħtieġ li l-entrati għal persuna waħda, li mietet, u għal persuna oħra, li fir-rigward tagħha ġew applikati miżuri restrittivi sat-2 ta' April 2021, tiħassru u li jenħtieġ li jinżammu l-miżuri restrittivi kontra l-persuni u l-entitajiet l-oħra kollha fil-listi li jinsabu fl-Annessi II u IV għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333. Barra minn hekk, l-informazzjoni ta' identifikazzjoni għal persuna waħda jenħtieġ li tiġi aġġornata.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 17, jiħassru l-paragrafi 3 u 4;
- (2) l-Annessi II u IV huma emendati f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2021.

Għall-Kunsill  
Il-President  
G. DOVŽAN

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK (ĠU L 206, 1.8.2015, p. 34).

## ANNEX

Id-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Anness II (Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 8(2)), il-Parti A (Persuni) hija emendata kif ġej:

- (a) titħassar l-entrata 4 (dwar TOHAMI, Ġeneral, Khaled);  
 (b) l-entrata 7 (dwar AL-MAHMOUDI, Baghdadi) hija sostitwita b'dan li ġej:

“7.	AL-MAHMOUDI, Baghdadi  a.k.a. AL-MAHMOUDI Al-Baghdadi, Ali AL-MAHMOUDI AL-BAGHDADI, Ali	Post tat-twelid: Alassa, il-Libja  Ċittadinanza: Libja  Sess: raġel  Indirizz: Abu Dhabi, l-Emirati Għarab Magħquda	Prim Ministru fil-Gvern tal-Kurunell Qadhafi.  Assoċjat mill-qrib mal-ex reġim ta' Muammar Qadhafi.	21.3.2011”
-----	--	--	---	------------

(c) titħassar l-entrata 15 (dwar GHWELL, Khalifa);

(2) fl-Anness IV, (Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 9(2)), il-Parti A (Persuni) hija emendata kif ġej:

- (a) titħassar l-entrata 4 (dwar TOHAMI, Ġeneral, Khaled);  
 (b) l-entrata 7 (dwar AL-MAHMOUDI, Baghdadi) hija sostitwita b'dan li ġej:

“7.	AL-MAHMOUDI, Baghdadi  a.k.a. AL-MAHMOUDI Al-Baghdadi, Ali AL-MAHMOUDI AL-BAGHDADI, Ali	Post tat-twelid: Alassa, il-Libja  Ċittadinanza: Libja  Sess: raġel  Indirizz: Abu Dhabi, l-Emirati Għarab Magħquda	Prim Ministru fil-Gvern tal-Kurunell Qadhafi.  Assoċjat mill-qrib mal-ex reġim ta' Muammar Qadhafi.	21.3.2011”
-----	--	--	---	------------

(c) titħassar l-entrata 20 (dwar GHWELL, Khalifa).